

Brussell, 11 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373(COD)**

**16721/24
ADD 1**

**ENV 1202
MI 1020
IND 553
CONSOM 353
COMPET 1202
MARE 27
PECHE 517
RECH 543
SAN 705
ENT 225
ECOFIN 1485
TRANS 544
CODEC 2303**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	16239/1/24 REV 1
Nru dok. Cion:	14248/23 + ADD 1 - COM(2023) 645 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik – Approċċ ġenerali = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Estonja

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament").

L-Estonja tappoġġa l-għan ġenerali tar-Regolament li jipprevjeni t-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent u jipproteġi l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem. Madankollu nqisu li jeħtieġ nesprimu t-tħassib ta' hawn taħt.

Fil-prinċipju, l-Estonja ma tappoġġax l-introduzzjoni ta' regoli tad-dritt ċivili speċifiċi għas-setturi fil-leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq intern, billi dawn id-differenzi jikkumplikaw bla bżonn is-sistema legali u jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn persuni, inkluż persuni jew negozji affettwati li joperaw f'setturi differenti, jiġu ttrattati b'modi differenti, li jista' joħloq problemi b'rabta mal-prinċipju ta' trattament ugwali mmanifestat fil-Kostituzzjoni tagħna. Dan japplika fir-rigward tar-regoli previsti fir-Regolament dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni għat-talbiet għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li rriżultaw minn ksur tar-Regolament.

Għalkemm it-test attwali jgħid li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodi ta' preskrizzjoni għal dawn it-talbiet għal kumpens, xorta waħda jipprovdi regoli obbligatorji speċifiċi rigward meta għandu jibda l-perjodu ta' preskrizzjoni. Dan ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni għal talba għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa li tirriżulta mill-ksur tar-Regolament huwa differenti mill-perjodu ta' preskrizzjoni għal talbiet oħra għal kumpens minħabba ħsara għas-saħħa, li l-liġi Estonjana tistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni uniformi għalihom, billi jitqies li l-vittmi m'għandhomx jiġu ttrattati b'modi differenti skont l-att illeċitu li jkun ikkawża l-ħsara għas-saħħa.

Għalhekk, l-Estonja tħeġġeġ li dawn l-argumenti jitqiesu matul il-fażijiet li ġejjin fin-negozjati.